# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 1188/2019 MH**

**Illum, 30 ta' April, 2021**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Mikael Tomas Hulkko**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-12 ta' Diċembru 2019** permezz ta' liema huwa ppremetta:

*Jesponi bir-rispett:*

*Illi d-Direttiva tal-Kunsill Nru. 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' talbiet relatati ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra hija implimentata u suggetta ghall-ligi ta' Malta permezz ta' l-Ordni tal-2012 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' Talbiet li ghandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra (Avviz Legali Nru. 153 tas-sena 2012);*

*Illi bis-sahha ta' din l-Ordni u ta' din id-Direttiva, l-Kummissarju tat-Taxxi f'isem il-Ministeru tal-Finanzi, bhala l-Awtorita' kompetenti f'Malta, hu moghti l-poter sabiex meta jkun hemm talba valida minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea hu jkun jista' jigbor it-taxxa dovuta lil dak l'Istat Membru meta tali persuna li ghandha dak id-dejn tkun tinsab f'Malta;*

*Illi skond l-istess Ordni u Direttiva tali talba minn Stat Membru tigi ttrattata bhallikieku din kienet talba dwar dejn civili dovut lil Gvern ta' Malta u li l-awtorita' kompetenti f'Malta tkun awtorizzata kif imiss li tigbor;*

*Illi l-intimat gie indikat mill-awtorita' kompetenti Svediza, membru ta' l-Unjoni Ewropea, bhala persuna li ghandha kont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont komplessiv ta' ghaxart elef, sitt mija u tnejn u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€10,642.25), u dan kif jirrizulta mill-istrument anness ma' dan ir-rikors bhala Dok. A, flimkien ma' l-imghaxijiet, skond il-ligijiet ta' Malta, dovuti mill-intimat mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv;*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba gew imharsa l-htigijiet kollha relevanti tad-Direttiva hawn fuq imsemmija;*

*Illi l-intimat hu indikat li jinsab f'Malta u li ghalhekk ir-rikorrent ghandu d-dritt li jigbor minghandu l-ammont hawn fuq imsemmi f'isem l-awtorita' kompetenti tal-pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropea hawn fuq imsemmi;*

*Illi skond l-Ordni u d-Direttiva hawn fuq imsemmija din il-Qorti hija moghtija l-poter u l-obbligu li tirregistra d-dokument anness ma' dan ir-rikors u dak id-dokument ghandu malli jsir dan jikkostitwixxi titolu ezekuttiv, kif ukoll li tinnotifika lill-intimat b'dan ir-rikors u bid-dokument mieghu anness.*

*Ghaldaqstant, l-esponent, skond il-poteri lilu moghtija ai termini tad-Direttiva hawn fuq imsemmija, jitlob bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha, fl-ewwel lok tordna r-registrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bhala kopja ufficjali taghha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu ezekuttiv u fit-*

*tieni lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument mieghu anness jigu notifikati lill-intimat skond id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att gudizzjarju.*

Rat li l-intimat debitament notifikat ma ntavola ebda risposta u għalhekk ġie kontumaċi.

Rat illi waqt is-seduta tas-26 t'Ottubru 2020 id-difensur tar-rikorrent informa lill-Qorti li huwa kien ġie kuntattjat mill-avukat tal-intimat fejn infurmah li dan ta' l-aħħar kien ser iħallas l-ammont reklamat fir-rikors promotur.

Semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tar-rikorrent fis-26 t'Ottubru 2020[1] li permezz tagħha huwa kkonferma li d-Dipartiment kien irċieva d-dokument intestat *Uniform Instrument Permitting Enforcement of Claims Covered by Council Directive 2010/24/EU*[2] u li fil-mori tal-kawża ma kien sar ebda pagament da parti tal-intimat.

Rat illi waqt is-seduta tal-20 ta'Jannar 2021 l-Qorti ġiet infurmata li fil-frattemp kien sar pagament u li kien hemm qbil li l-kawża tmur għas-sentenza sabiex l-intimat ikun jista' jaffetwa l-pagamenti rimanenti.[3]

Rat illi l-kawża hija differita għall-lum għas-sentena.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

[1] Fol 96
[2] Fol 3
[3] Verbal tas-26 ta' Ottubru, 2020 ukoll ta' l-20 ta' Jannar, 2021

**Ikkunsidrat:**

Il-kawża odjerna ġiet intavolata a bażi tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' talbiet marbuta ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra, liema direttiva hija suġġetta għall-liġi Maltija permezz tal-Avviż Legali Nru 153 tal-2012. Dan peress li l-intimat ġie ndikat mill-awtorita' kompetenti Svediża bħala persuna li għandha kont ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-ammont komplessiv ta' €10,642.25 skont l-Istrument surreferit. Peress li rriżulta li l-intimat jinsab f'Malta, r-rikorrent qiegħed jeżerċita d-dritt tiegħu li jiġbor mingħandu l-ammont imsemmi f'isem l-awtorita' kompetenti tal-Isvezja.

Skont l-Avviż Legali u d-Direttiva in kwistjoni, din il-Qorti għandha l-poter u d-dmir li tirreġistra l-Istrument anness mar-rikors promotur a fol 3 et seq sabiex jiġi meqjus bħala titolu eżekuttiv u jiġi notifikat lill-intimat.

Ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex a tenur tal-imsemmija Direttiva tordna:

(i) r-reġistrazzjoni tad-dokument intestat *Uniform Instrument Permitting Enforcement of Claims Covered by Council Directive 2010/24/EU* sabiex b'hekk jiġi meqjus bħala titolu eżekuttiv; u

(ii) li kopja tar-rikors odjern u d-dokument msemmi jiġu notifikati lill-intimat a tenur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta daqs li kieku r-rikors odjern u d-dokument kienu att ġudizzjarju.

Il-Qorti wara li rat:

(1) id-Direttiva u l-Avviż Legali in kwistjoni;

(2) l-Istrument anness mar-rikors promotur; u

(3) l-ammissjoni tal-intimat li huwa għandu jħallas l-ammont mitlub mill-awtorita' kompetenti estera, u pagament ta' parti mis-somma mitluba,

**tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti bl-ispejjeż kontra l-intimat.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**